**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 372/2023**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Elisia Scicluna)**

**-Vs-**

**GEOFFREY GALEA**

**Illum, 9 ta' April 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **GEOFFREY GALEA** bin Alfred u Doris nee' Buttigieg, imwieled nhar it-28 ta' Lulju 1970 ġewwa il-Pieta', residenti ġewwa 1, Tar-Ragg, Triq Santa Liena, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' 0383170M, li ġie akkużat talli nhat it-12 ta' Mejju 2023 bejn l-16:30hrs u is-18:00hrs ġewwa Triq il-Mastrudaxxi, Santa Venera, Malta, u postijiet oħra f'Malta :-

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe' bil-ħsieb li jikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioe' feriti gravi fuq il-persuna ta' Miraine Zammit, Bradley Schembri u/jew persuna/i oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni

u ta bidu  għall-esekuzjoni ta’ dan id-delitt billi saq  vettura  bil-mutur tal-għamla Mitsubishi L200 bin-numru ta ‘ reġistrazzjoni FDA289 fid-direzzjoni ta’ l-imsemmija **Miraine Zammit, Bradley Schembri** u/jew persuna/i oħra u li liema delitt ma ġiex esegwit  minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu;

Artikoli 41, Artikolu 64 (2)**, Artikoli, 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta**

2. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kellu taħt il-kontroll tiegħu vettura bil-mutur ta’ għamla Mitsubishi L200 bin-numru ta’ registrazzjoni **FDA289**, saq b’manjiera perikoluża u bla kont;

   **Artikoli 15 tal-Kapitolu 65 tal -Ligijiet ta’ Malta**

3. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, hebb kontra Bradley Schembri u/jew persuna/i oħra u kkaġunalu offiża ta’ natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr Jean-Luc Paris (MD Reg. No 4609) mill-Poliklinika tal-Furjana

   Artikoli 221 (1) tal -kapitolu 9 tal -Ligijiet ta ‘ Malta

4. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr ma dorob jew sawwat, hedded u/jew qabad armi oħra kontra **Bradley Schembri** u/jew persuna/i oħra ;

   **Artikoli 339 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta**

5. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġiba tiegħu, ikkaġuna lil **Mirine Zammit, Bradley Schembri** u/jew persuna/i oħra biża’ li se tintuża vjolenza kontra tagħhom u/jew kontra l-propjeta tagħhom u/jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti , aħwa jew familjari oħra tagħhom.

**Artikoli 251B(1) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

6. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli u cioe' vettura bil-mutur ta' l-għamla Hundai 120 bin-numru tar-registrazzjoni KBW 938 għad-dannu ta' Dolores Grech u/jew persuna/i oħra u/jew kumpanija/i oħra;
   Artikoli 328(ċ) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

7. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċokrostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provvzjorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (mMalta) preseduta mill-Maġistrat Dr. N. Camilleri nhar is-16 ta' Marzu 2016, f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess;
   Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Geoffrey Galea u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 12,000 ewro bħala depozitu u garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, jekk jidhrilha xieraq tipprovdi għas-sigurta' ta' Miraine Zammit, Bradley Schembri u/jew individwi oħra biex tinzam l-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaguna biża ta' vjolenza kif provdut fl-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi jekk jidhrilha xieraq tipprovdi għas-sigurta' ta' Miraine Zammit, Bradley Schembri u/jew individwi oħra billi tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputati kif provdut fl-artikoli 382A et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' ħtija għal reati hawn fuq imsemmija u jekk jidhrilha xieraq tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-partijiet offiża kull ħaġa minnhom misruqa jew li huma xjentement laqgħu għandhom b'riċettazzjoni jew akkwistaw bi frodi jew qliegħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti u/jew partijiet bi/jew permezz tar-reat, jew li jħallsu lil dik/dawk il-parti u/jew partijiet ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra kif provdut fl-artiklu 15A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti finalment hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-akkużat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat illi fis-26 ta' Lulju 2024 l-Avukat Ġenerali, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, bagħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minn din il-Qorti għar-reati li dwrhom hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffku, Kapitolu 65

3. Fl-artikoli 214, 221(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 3285(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 15A, 17, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-5 ta' Settembru 2024 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat mill-Prosekuzzjoni fis-6 ta' Marzu 2025 u semgħet is-sottomissjonjiet orali tal-abbli difensur tal-imputat fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 2025;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużi fil-konfront tal-imputat jikkonċernaw inċident li seħħ fit-12 ta' Mejju 2023 ġewwa Triq il-Mastrudaxxa, Santa Venera, bejn l-imputat, u Bradley Schembri u Miraine Zammit fejn l-imputat allegatament ħareġ mill-vettura tiegħu u aggredixxa lil Bradley Schembri, ikkaġunalu xi ġrieħi u ħebb għalih ukoll b'sikkina, u in segwitu ikkaġuna wkoll ħsarat fuq vettura pparkjata fl-istess triq meta baqa' dieħel fiha huwa u jimmanuvra l-vettura tiegħu biex joħroġ mit-triq.

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat lill-imputat, bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta, u dan għaliex ftit li xejn jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta bil-ħtija tal-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet fejn il-fatti li joħorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li jagħtu verżjonijiet kontradittorji, u sabiex tiddetermina jekk il-livell probatorju meħtieġ ikunx intlaħaq fil-kaz partikolari, il-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji msemmija fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija fl-artikolu 633 u l-artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

In materja ngħad illi:-

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[1]

Iżda, kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[2], mhux kull konflitt fil-provi għandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

---

[1] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

[2] Deciza 9.7.2003.

F'każ ta' kunflitt ta' provi konfliġġenti, huwa assodat illi l-ġudikant jista' jagħżel verżjoni waħda minn dawk opposti u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tara lil min temmen u ma temminx meta hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti.

Hawnhekk il-Qorti tirribadixxi dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**:-

"*Meta gudikant ikun rinfaccjat b'żewġ versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-każ) jistghu jigru żewġ affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi għall-piena ...*"[3]

Il-Qorti sejra tirriproduċi s-sostanza tal-verzjoni tax-xhieda tal-Proksekuzzjoni u l-verżjoni tal-imputat, stante li huwa riskontrabbli kunflitt evidenti bejn it-teżi tal-Prosekuzzjoni u dik vantata mid-difiża, sabiex applikati l-prinċipji legali u l-insenjament in materja, tevalwa l-kredibbilita' tal-verżjonijiet rispettivi biex tista' tasal għal ġudizzju dwar min għandu jitwemmen u jekk abbażi ta' dik il-verżjoni, tistax tinsab ħtija fl-imputat għar-reati addebitati.

**Bradley Schembri** xehed illi huwa kien passiġġier fil-karozza misjuqa mill-għarus tiegħu Miraine Zammit u meta kienu għaddejjin minn Triq il-Mastrudaxxa, Santa Venera fejn joqogħdu, raw vettura pick-up griża tal-għamla Mistubishi wieqfa fin-nofs b'mod li ma setgħux jgħaddu. Wara li stennew xi tliet minuti, mingħajr lanqas paqpqu, ħareġ raġel mill-karozza – identifikat mix-xhud bħala l-imputat Geoffrey Galea - ġie ħdejn il-karozza tagħhom u mar lejn it-tfajla tiegħu b'rabja kbira jgħajjat

[3] Appell Kriminali deciz 9.9.2002. Ukoll, fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, ġie ritenut:- "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

"*kemm jiflaħ*" mat-tieqa tagħha biex tersaq min-nofs għaliex ried jirriversja. Bradley Schembri xehed illi meta ra hekk, hu niżel mill-karozza u min-naħa tal-passiġġier staqsih għaliex kien qed jgħajjat mat-tfajla tiegħu. Ir-raġel l-ieħor ġie għalih mill-ewwel u bdew jiġġieldu, jagħtu bl-idejn u hu qala' daqqa ta' ponn f'għajnejh ix-xellugija. Kif telqu lil xulxin, marru lura lejn il-karozzi rispettivi tagħhom. Bradley Schembri stqarr li huwa ħaseb li kien waqaf kollox iżda f'daqqa u l-ħin, ra lill-imputat jiftaħ il-bieb ta' wara tal-karozza u joħroġ mus jew *flick knife* u ġie viċin tiegħu u beda jxejjer il-mus - "*għal naqra ma laqatniex*". Dak il-ħin wieħed raġel barrani ta' karnaġġjon skur li joqgħod fl-istess triq, beda jżomm lill-imputat iżda rnexxielu jiżgiċċa u reġa' ġie viċin ħafna tiegħu bil-mus "*ipprova jfajjar biha*", iżda ma laqathomx għaliex ir-raġel barrani beda jżommu. It-tfajla tiegħu dak il-ħin kienet ħdejh u kienet qed tibki ħafna.

Imbagħad l-aggressur telaq u daħal fil-karozza, iżda meta ġie biex jaqla', ipprova jsuq għal fuqhom iżda rnexxielhom jersqu fil-ġenb, u mbagħad baqa' jirriversja bis-saħħa u kisser karozza li kienet ipparkjata fit-triq, u baqa' sejjer minn fuq il-post.

**Miraine Zammit** xehdet illi meta kienet għaddejja bil-karozza fit-triq fejn joqgħodu, Triq il-Mastrudaxxa, Santa Venera, rat pick-up ipparkjat b'mod li kien qed jimblokka t-triq quddiemha u ma setgħetx tgħaddi. Wara li qagħdet tistenna bil-kalma, ħareġ raġel minn ġol-pick-up – li identifikatu bħala l-imputat odjern - ġie quddiem il-karozza tagħha u beda jgħajjat. L-għarus tagħha Bradey ħareġ mill-karozza u minn fejn kien, man-naħa tal-passġġier, staqsa lill-ieħor għaliex kien qed jgħajjat u l-ieħor mar fuqu u qabdu jiġġieldu bl-idejn. Hija ħarġet mill-karozza wkoll u rat lill-imputat jigref lill-għarus tagħha; wara ftit waqfu jiġġieldu u ħasbet li kien spiċċa kollox iżda mbagħad l-aggressur mar fil-karozza tiegħu u ġab mus u reġa' ġie jgħajjat u jxejjer il-mus viċin wiċċhom. Dak il-ħin, wieħed raġel li hija tafu għaliex joqgħod fl-istess triq, beda jżomm lill-aggressur li wara ftit, tela' fil-pick-up u beda jirriversja bis-saħħa tant li baqa' dieħel f'karozza ipparkjata. Imbagħad saq 'il quddiem għal fuqhom iżda ibbrejka hekk kif bdew iwerżqu n-nies fit-triq biex jieqaf - "*ibbrejkja eżatt fejn konna aħna*" - reġa' irriversja, u mbagħad telaq minn fuq il-post.

**Tchah Tekpe Hayirat** xehed illi huwa kien id-dar u sema' xi nies jgħajtu barra fit-triq u għalhekk ħareġ barra fejn ra raġel qed jgħajjat ma' koppja fin-nofs tat-triq iżda kienu qed jitkellmu bil-Malti u ma setax jifhem x'kien qed jingħad. Hu ma kienx intervjena mill-ewwel għaliex ħaseb li seta' kien argoment fuq kwistjoni tal-familja u għalhekk baqa' fil-bieb tad-dar tiegħu. Wara ftit minuti ra wieħed mill-irġiel, li identifikah bħala l-imputat Geoffrey Galea, imur fil-karozza u joħroġ sikkina żgħira u kien sejjer biha f'idu fid-direzzjoni lejn il-koppja. Meta ra hekk, ħass li kellu jintervjeni u daħal fin-nofs bejn dan ir-raġel u l-koppja, u żamm lill-imputat minn idu biex ma jiċċaqlaqx is-sikkina u qallu biex ma jużax is-sikkina. Xehed: "*He come back again with the knife and in that time I held his hand so tightly and like shaking it then he tell me 'bro I'm going' ... I tell him don't use knife and ... he was shaking and a few minutes later he tell me 'ok I'm going' he went to the car...* " Imbagħad daħal fil-karozza, li kienet pick-up, u rriversja fuq karozza bajda iżda mhux fid-direzzjoni tal-koppja, u wara li dawwar, telaq bil-għaġġla minn fuq il-post.

**Terry Zerafa Heckenlaibel** xehdet illi fit-12 ta' Mejju 2023 semgħet l-għajjat barra fit-triq fejn toqgħod, Triq il-Mastrudaxxi, Santa Venera, u meta ttawwlet mit-tieqa rat żewġ karozzi weqfin fit-triq – waħda minnhom pick-up – li kienu ppontati fl-istess direzzjoni, u kien hemm żewġt irġiel qegħdin jgħajjtu ħafna. Rat ukoll raġel Afrikan li għarfitu bħala wieħed mill-ġirien tagħha, ħiereġ mid-dar tiegħu u kien ħdejn il-pick-up. Iż-żewġt irġiel li kienu qed jgħajtu bdew resqin lejn xulxin u f'ħin minnhom il-ġar ħareġ biex iwaqqaf ir-raġel li kien bil-pick-up u pprova jikkalmah. Imbagħad ir-raġel li kien bil-pick-up - li x-xhud ħasbet li jista' jkun l-imputat Geoffrey Galea - mar biex jitlaq bil-karozza. Iżda meta irriversja, l-imputat daħal fil-karozza ta' Doris, il-ġar tagħha, li kienet ipparkjata fit-triq, u mbagħad saq 'il quddiem "*biex jirranġa*", reġa' saq 'il barra u telaq. Ix-xhud qalet ukoll li meta l-imputat ġie biex isuq 'il quddiem wara li ħabat mal-karozza pparkjata, kien hemm il-koppja quddiemu u l-imputat saq direzzjoni lejhom u rat li t-tfajla ħadet qatgħa għaliex kien viċin ħafna tagħha, u għamlet mossa biex tersaq min-nofs ħalli taħarbu. L-imputat waqaf, irriversja u saq 'il barra. Ix-xhud ma ratx jekk l-imputat kienx qed iġorr xi ħaġa.

**Jean Claude Zerafa** li wkoll joqgħod fi Triq il-Mastrudaxxi, Santa Venera, xehed li ħareġ jittawwal mit-tieqa meta sema' l-għajjat fit-triq, u kien ra li taħtu fit-triq kien hemm kommossjoni u ra wkoll raġel bil-karnaġġjon skur li joqgħod quddiemu kien qed iżomm lill-imputat, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra tat-triq wara l-karozzi kien hemm koppja, Bradley Schembri u t-tfajla tiegħu, ġirien tiegħu wkoll. Huwa ra li l-imputat, li kien mal-bieba tal-vann tat-tip Mitsubishi, ried imur għal din il-koppja u l-ġar l-ieħor tiegħu beda jżommu milli jiġġieled filwaqt li t-tfajla bdiet iżżomm lil Bradley. Dak il-ħin huwa niżel mal-bieb u beda jgħajjat li ser iċempel lill-Pulizija u Bradley wieġeb u qallu biex iċempel lill-Pulizija, iżda meta daħal reġa' sema' kommossjoni u ttawwal mit-tieqa, fejn ra l-vann tal-imputat jirriversja u jolqot karozza pparkjata u wara li ħabat, peress li ma setax idur, saq 'il quddiem fejn kien hemm il-koppja quddiemu fit-triq, u telaq 'l hemm. Iddeskriva l-manuvri tal-imputat meta kien qed jirriversja bħala "*ġenn*" biex jipprova jitlaq mgħaġġel minn fuq il-post.

**L-imputat, Geoffrey Galea**, waqt l-interrogazzjoni li saritlu fit-13 ta' Mejju 2013 (Dok. ES5) fejn kien legalment assistit, stqarr li kien mar jixtri rigal għall-mara minn ħanut fit-triq fejn kien ipparkjat, Triq il-Mastrudaxxi, Santa Venera. Beda jirriversja biex joħroġ 'il barra mit-triq iżda meta wasal fil-kantuniera, ġiet karozza bajda mix-xellug u hu niżel biex jgħid lix-xufier l-ieħor li ried jirriversja. Skont l-imputat: "*Ħareġ l-għarus tagħha, ġibed tnejn bil-madonna u qalli biex ma ngħajjatx mat-tfajla u ġie għalija, kont għadni ħdejn il-bieba tal-vann tiegħi, ħareġ min-naħa tal-passiġġier qabadni minn għonqi u tefgħani mal-art u beda jtini bl-irkoppa fuq fejn għamilt l-operazzjoni f'żaqqi u baqa' jżommni mnn għonqi b'rasi mal-art.*" Iddikjara li rnexxielu joħroġ minn taħt ir-raġel l-ieħor u rikeb fil-vann tiegħu iżda kellu jsuq ftit 'il quddiem biex seta' jkompli jirriversja biex jitlaq minn fuq il-post. L-imputat innega li mar iġib mus mill-karozza tiegħu u li kien ipprova jsuq fuq Bradley Schembri u Miraine Zammit qabel telaq minn fuq il-post, għalkemm stqarr li meta ġie biex isuq minn fuq il-post, "*bil-panik*" biex jaħrab lill-aggressur tiegħu, kien laqat il-mudguard tan-naħa ta' wara fuq ix-xellug ta' karozza bajda li kien hemm ipparkjata. Jiċħad illi laqat il-karozza wkoll fuq in-naħa ta' quddiem u stqarr li l-ħsarat li ġew

riskontrati mill-Pulizija fil-karozza li kien qed isuq dak inhar, fuq il-bumper ta' quddiem u l-bumper tan-naħa ta' wara, kienu diġa' saru qabel l-inċident.

**L-imputat** għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda u quddiem il-Qorti xehed illi waqt li kien qed jirriversja ġewwa Triq il-Mastrudaxxi, ġiet karozza bajda minn warajh u niżel mill-vettura u mar man-naħa tax-xufier tal-karozza l-oħra biex jgħid lix-xufier biex tersaq għaliex kien qed jirriversja. Stqarr li jista' jkun li għolla daqsxejn leħnu għaliex kien nervuż. Dak il-ħin il-passiġġier niżel mill-vettura, qabdu minn għonqu u qallu biex ma jgħajjatx mat-tfajla tiegħu. Hu qallu biex ma jsawtux għaliex kien għadu kif għamel intervent mediku f'żaqqu xi xahar u nofs qabel u kellu l-punti minn ġewwa, iżda l-ieħor xorta waħda tefgħu mal-art. Iddefenda ruħu b'idu u rnexxielu jiżgiċċalu, rikeb fil-vann, saq waħda 'l quddiem u rranġa l-vann ftit ftit u bil-mod biex ikun jista' jgħaddi, u mbagħad irriversja u baqa' sejjer id-dar. L-imputat xehed illi dak il-ħin ma kienx irrejalizza li kien laqat karozza oħra u kienu l-Pulizija li qalulu b'dan meta arrestawh iktar tard. Lanqas induna li kien hemm persuna ta' karnaġġjon skur fuq il-post u ma jiftakarx li ġew nies fuqu u żammewlu idejh. Ċaħad ukoll li kien mar iġib sikkina jew mus mill-vann tiegħu u saħaq "*kull ma bdejt nara biex infittex nitlaq minn fejn kont għax biex ma jkomplix isawwatni*".

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa l-verżjonijiet tax-xhieda okulari u l-verżjoni tal-imputat u sejra tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet.

Illi l-imputat ma jikkontestax li huwa kien involut f'taqtigħa ma' Bradley Schembri fit-12 ta' Mejju 2023 ġewwa Triq il-Mastrudaxxa, Santa Venera, u ma jikkontestax lanqas li huwa kien qed isuq il-vettura Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni FDA 298, li jirriżulta li hija liċenzjata f'isem bintu, Raissa Galea. Jaqbel ukoll li ħareġ mill-vettura għaliex ried isuq b'lura iżda ma setax minħabba li warajh kien hemm il-vettura misjuqa minn Miraide Zammit.

Illi jiġi osservat illi x-xhieda tal-Prosekuzzjoni, Bradley Schembri, Miraine Zammit u Tepke Hayirat, mhux biss xehdu l-istess verżjoni ta' fatti quddiem il-Qorti iżda din ix-xhieda hija wkoll konsistenti mal-verżjoni li kienu taw rispettivament *a tempor vergine* lill-uffiċjali tal-Pulizija li kienu rikorrew fuq il-lok tal-inċident, għajr fil-parti fejn Bradley Schembri kien fisser f'iktar dettall it-taqbida li kellu mal-imputat meta kien mar għalih wara li kien qed jgħajjat mat-tfajla tiegħu. F'dik il-verżjoni, Bradley Schembri kien qal lil PS 1469 Emerson Borg li biex jiddefendi ruħu, kien waqqa' lill-imputat mal-art u beda jtih[4]. Din il-verżjoni hija b'mod ġenerali kompatibbli max-xhieda tal-imputat fejn saħaq li Bradley Schembri qabdu minn għonqu, tefgħu mal-art u beda jagħtih f'żaqqu, iżda l-kompatibbilita' tieqaf hawn għaliex għall-bqija, il-verżjoni tal-imputat tistona mhux ftit mal-verżjoni tax-xhieda okulari.

Ibda biex l-imputat jiċħad il-preżenza ta' Tchah Tekpe Hayirat fuq il-post u l-intervent tiegħu biex irażżnu milli jħebb għal Bradley Schembri b'sikkina. Preżenza li hija affermata mhux biss mill-vittmi tal-aggressjoni tal-imputat iżda wkoll mill-ġirien li raw il-kommossjoni sseħħ - Terry Zerafa u Jean Claude Zerafa - li entrambi kkonfermaw mhux biss li Tchah Tekpe Hayirat kien ħdejn l-imputat iżda kien ukoll qed iżommu milli jħebb għal Bradley Schembri[5].

Għall-Qorti, iċ-ċaħda insistenti tal-imputat tal-preżenza ta' Tchah Tekpe Hayirat fuq il-post tal-inċident, hija mhux biss illoġika meta rinfaċċjat bl-affermazzjoni ta' xejn inqas minn erba' xhieda okulari fir-rigward, iżda hija wkoll fatali għall-kredibbilita' tal-verżjoni tiegħu, ċioe' li f'ebda mument ma kien ġab sikkina mill-vettura tiegħu u pprova jħebb għal Bradley Schembri bis-sikkina f'idejh. Hawnhekk għandu jiġi osservat illi Tchah Tekpe Hayirat – xhud okulari li ma jidhrix li kellu ebda interess fil-vertenza - ikkonferma fix-xhieda tiegħu kif ukoll fil-verżjoni li kien irrilaxxa lil PS 1496 Emerson Borg *a tempor vergine*, li huwa kien iddeċieda li jintervjeni u jżomm

[4] Ara rapport tal-okkorrenza Dok. EB3 (2/POL/2798/2023), u paġna 18 sa paġna 24 tal-atti. Ara wkoll xhieda PS 1496 Emerson Borg, 28 ta' Settembru 2023.

[5] Il-Qorti fehmet illi Tchah Tekpe Hayirat jidher ukoll fit-triq flimkien ma' Bradley Schembri u Miraine Zammit fir-ritratti li nħarġu mill-espert ġudizzjarju mill-filmat Dok. EB1 - ara paġna 167 u paġna 168 tal-atti (parti mir-relazzjoni Dok. SFS1).

lill-imputat milli jerġa' jħebb għal Bradley Schembri, meta ra li kien ġab sikkina mill-vettura u kien sejjer biha fid-direzzjoni tal-koppja.

Ix-xhieda ta' Tchah Tekpe Hayirat ma tħalli ebda dubju f'moħħ il-Qorti li l-verżjoni ta' Bradley Schembri u Miraine Zammit li l-imputat mar ġab sikkina mill-karozza u ħebb għalihom biha, għandha mis-sewwa. Din il-konvinzjoni titnissel ukoll mill-fatt illi sija Bradley Schembri u Miraine Zammit, u sija wkoll Tchah Tekpe Hayirat, iddeskrivew is-sikkina bħala mus jew sikkina żgħira ("*small knife*")[6]. Huwa immaterjali fil-fehma tal-Qorti l-fatt li ma nstabet ebda sikkina li tikkorrispondi ma' din id-deskrizzjoni fir-residenza tal-imputat u fil-vettura li kien qed juża dakinhar tal-inċident, bin-numru ta' reġiatrazzjoni FDA-289. Ma jnaqqas xejn lanqas minn din il-konvinzjoni l-fatt li ż-żewġ xhieda okulari l-oħra tal-inċident ma kienux raw lill-imputat iġorr xi ħaġa f'idejh: dan qed jingħad għaliex filwaqt li Terry Zerafa u Jean Claude Zerafa raw l-inċident minn ġo tieqa f'sular ogħla mil-livell tat-triq u kien hemm il-karozzi weqfin fin-nofs tat-triq, ix-xhieda okulari l-oħra kienu fit-triq viċin ħafna tal-imputat.

Jiġi osservat ukoll li x-xhieda <u>kollha</u> jaqblu illi l-imputat kien qed jaġixxi b'mod nervuż ferm u kien aggressiv fil-konfront ta' Bradley Schembri u kulħadd fehem li huwa ried iħebb għal Bradley Schembri, tant illi kellu jinżamm lura minn Tchah Tekpe Hayirat. Jirriżulta li l-imputat kien qed jaġixxi b'dan l-istess mod eċitat meta ħareġ mill-vettura tiegħu u mar jgħajjat f'wiċċ Mirade Zammit għaliex ma setax jirriversja barra mit-triq, u kif ukoll meta ġie biex jitlaq bil-vettura minn fuq il-post. L-imputat fix-xhieda tiegħu – u kuntrarjament għal dak li stqarr fl-interrogazzjoni - jammetti li kien hu li avviċina l-vettura ta' Miraine Zammit u ammetta wkoll li seta' kien qed jgħajjat xi ftit, għaliex kien nervuż. Miżmum ferm dan kollu, kif ukoll it-testimonjanza tax-xhieda okulari, il-Qorti ma tistax u m'hijiex sejra tagħti piż lill-verżjoni tal-imputat li Bradley Schembri ħebb għalih u aggredih għalxejn b'xejn : kollox juri illi l-imputat diġa' kien qed iġib ruħu b'mod aggressiv meta ħareġ mill-

---

[6] Ara wkoll il-verżjoni li Tchah Tekpe Hayirat irrilaxxa lil PS 1496 Emerson Borg fejn iddeskriva s-sikkina bħala "*wooden knife (he said 'mus' aswell)*". Bradley Schembri wkoll iddeskriva s-sikkina bħala mus bil-manku kannella – rapport tal-okkorrenza Dok. EB3.

vettura tiegħu u beda jgħajjat b'rabja kbira ma' Miraine Zammit meta f'ebda waqt ma ġie allegat mill-imputat li l-koppja fil-vettura warajh kienu paqpulu jew għajtu miegħu, wisq inqas kienu ħarġu għalih.

Konformement, l-allegazzjoni tal-imputat li huwa saq bil-ferneżija deskritta mix-xhieda okulari għaliex kien qed jibża' minn Bradley Schembri u ried jaħrab minnu, ukoll hija kompletament inattendibbli. Kemm hu hekk, l-imputat ikkontradixxa ruħu meta l-ewwel qal li kien mgħaġġel biex jitlaq minn fuq il-post biex jaħrab lill-aggressur tiegħu, iżda mbagħad xehed li kien irranġa l-vann "*naqra naqra*" 'l quddiem u lura biex ikun jista' joħroġ. B'żieda ma' dan il-kontradizzjoni bejn il-verżjoni fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, fejn sostna li ma kienx jaf li laqat karozza waqt li kien qed jipprova jimmanuvra biex jitlaq minn fuq il-lok tal-inċident, u l-istqarrija li rrilaxxa waqt l-interrogazzjoni fejn stqarr "*... bil-panik ilqatt din il-karozza bajda li kienet fil-kantuniera ta' l-istess triq ipparkjata. Bil-kantuniera tal-vann tiegħi ilqattilha il-mudguard tan-naħa ta' wara.*"

Għaldaqstant, il-Qorti ma għandha ebda riżervi biex tagħti affidabbilita' pjena lill-verżjoni tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni minfok lill-verżjoni inkonsistenti u inattendbbli tal-imputat li evidentement kien fi stat nervuż u aġitat mill-mument li ħareġ mill-vettura tiegħu sa meta saq minn fuq il-post fi stat ta' fixla evidenti, u l-episodju tal-mus huwa pjenament kompatibbli ma' u jkompli jiddimostra dan l-istat ta' eċitament li kien jinsab fih l-imputat.

Ikkunsidrat;

Niġu issa biex jiġu analizzati l-akkużi fiċ-ċitazzjoni u r-reati addebitati lill-imputat fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena magħmula b'rabta mal-fatti li ġew stabbiliti mill-evalwazzjoni tal-provi u x-xhieda.

Fl-ewwel imputazzjoni l-imputat huwa mixli b'attentat kommissjoni tar-reat ta' offiża volontarja ta' natura gravi bl-effetti ravviżati fl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali,

imsemmija espressament mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju. Il-Qorti tosserva illi din l-imputazzjoni hija mfassla b'mod speċifiku biex torbot l-attentat tar-reat imsemmi, mas-sewqan mill-imputat tal-vettura Mitsubishi L200 bin-numru ta' reġsitrazzjoni FDA 289 fid-direzzjoni ta' Miraine Zammit u Bradley Schembri. Il-Prosekuzzjoni tikkontendi li l-imputat ipprova jsuq għal fuqhom bil-ħsieb li jikkaġunalhom offiżi gravi, liema reat ma ġiex eżegwit għaliex il-koppja rnexxielhom jersqu min-nofs.

Illi l-Qorti tibda billi tosserva illi huwa paċifiku fl-insenjament ġuridiku in materja, li sabiex jissussisti r-reat tal-offiża volontarja, hija meħtieġa l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, mogħtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

"*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."*

Fir-rigward, iżda, ta' tentattiv tar-reat tal-offiża volontarja, li bih l-imputat qed jiġi mixli fl-ewwel imputazzjoni, l-awtur Francesco Antolisei filwaqt li jirrikonoxxi illi l-ġuristi m'humiex kollha konkordi dwar jekk jistax jissussisti t-tentattiv ta' offiża gravi, jgħid hekk fir-rigward:-

*"Quanto al tentattivo, la nostra concezione porta ad ammettere che possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentattivo sia ipotizzabile, non è dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt' altro che infrequente nella pratica, dell' individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregarla, senza riuscire a colpirla nel viso."*[7]

---

[7] *Manuale di Diritto Penale*, Parte Speciale 1 Pagna 79 (9° edizione, 1986).

Dan l-insenjament ġie affermat u applikat mill-Qrati tagħna f'diversi sentenzi, fosthom mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa**[8] fejn, b'referenza għal dak li jgħid l-Antolisei in propositu, fissret illi:-

*"Din il-Qorti tara li dan il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accettata mill-Qrati tal-Gustizja Kriminali taghna u cioe li jista jkollok tentattiv ta' offiza gravi jew gravissima* ***purche` jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew gravissima skond il-kaz****."* [enfasi ta' din il-Qorti]

Illi jikkonsegwi għalhekk, li filwaqt li fil-każ ta' offiża volontarja l-intenzjoni ġenerika sabiex wieħed jagħmel ħsara hija biżżejjed, **fil-każ tat-tentattiv tar-reat tal-offiża gravi jew gravissima, il-prosekuzzjoni jeħtiġilha tipprova lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli, illi l-persuna akkużata kellha l-intenzjoni illi tikkaġuna offiża gravi fuq il-vittma.**

In tema, il-Blackstone jgħid hekk:-

"*'Intention' is a word that is usually used in relation to consequences. A person clearly intends a consequence if he wants that consequence to follow from his action. This is so whether the consequence is very likely or very unlikely to result. Thus an accused who shoots at another wanting to kill him, intends to kill whether the intended victim is 2 metres away and an easy target or whether he is 200 metres away and it would have taken an exceptionally good shot to hit him. In either case, even if the accused misses, he will be liable for a crime requiring intention to kill, such as attempted murder.*"[9]

---

[8] [Superjuri]. Deciza fis-16 ta' Ottubru 2003.
[9] Blackstone's Criminal Practice [2012].

Jingħad illi reati dolużi jirrikjedu jew l-intenzjoni diretta u speċifika, jew inkella l-intenzjoni pożittiva indiretta[10]. Għalkemm l-intenzjoni diretta jew l-intenzjoni pożittiva indiretta tista' tigi deżunta miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż mill-mod kif l-aġent tar-reat iġib ruħu, **iżda, fejn dawn iċ-ċirkostanzi ma jkunux univoċi u jkun hemm id-dubju dettat mir-raguni dwar il-vera intenzjoni tal-imputat, dan id-dubju għandu jmur favur l-istess imputat**.

Hawnhekk, il-Qorti tqis li huwa relevanti dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 2007 fil-kawż fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**[11]:-

"*Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland [W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978]:*

*""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been*

---

[10] **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut** – Qorti tal-Appell Kriminali, 23 ta' Jannar 2009.

[11] Kif citata wkoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut**, deciza 23 ta' Jannar 2009. Ara wkoll: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sup.) fit-8 ta' Lulju 2004.

*said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[*Para. 7.28, pp. 232-233.]*

… … …

*"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. ... ... ...*"

Illi l-provi jistabbilixxu li meta l-imputat ġie biex jitlaq minn fuq il-post, beda jirriversja l-vettura bis-saħħa u bl-addoċċ u laqat il-vettura ta' Doris Grech li kienet ipparkjata fil-ġenb tat-triq. Imbagħad, qala' 'l quddiem biex jimmanuvra l-vettura tiegħu b'mod li jista' jkompli ħiereġ 'il barra, u kompla jsuq b'lura, b'"*ġenn*"[12], sakemm telaq minn fuq il-post. Jirriżulta mix-xhieda illi kif l-imputat saq 'il quddiem wara li ħabat mal-vettura pparkjata, kien hemm Miraine Zammit u Bradley Schembri fit-triq quddiemu u peress li l-vettura tiegħu ġiet viċin ħafna tagħhom, kellhom jersqu min-nofs biex jiżgiċċawh. Mhux kontestat illi l-allegat vittmi tar-reat fl-ewwel imputazzjoni, ma sofrew l-ebda offiża għaliex ma ntlaqtux mill-vettura tal-imputat.

Bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali fuq esposti, għall-fatti tal-każ kif joħorġu mill-provi, dak li għandu jiġi stabbilit fl-ewwel lok huwa jekk ġiex ippruvat li fiċ-ċirkostanzi, meta l-imputat saq fid-direzzjoni tal-allegat vittmi bil-vettura tiegħu, għamel dan bl-intenzjoni diretta jew indiretta pożittiva li jikkaġunalhom jew lil xi wieħed minnhom, xi waħda mill-konsegwenzi tal-offiża gravi skont kif imfissra fl-artikolu 216 tal-Kap. 9. Jekk kienx hemm din l-intenzjoni jew le, hija kwistjoni ta' fatt li għandu jigi aġġudikat mill-qorti billi tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ,

[12] Xhieda Jean Claude Zerafa.

fosthom in-natura tal-istrument jew oġġett (f'dan il-każ, vettura) użat biex jitwettaq l-att u l-parti tal-ġisem li lejha kien indirizzat dak l-istrument[13].

Illi huwa stabbilit mit-testimonjanza tax-xhieda okulari kollha li xehdu, li l-imputat kien qed isuq b'mod imqanqal u bis-saħħa meta ġie biex jitlaq minn fuq il-post, u fost il-manuvri li wettaq biex jipprova jgħaddi l-vettura tiegħu bejn il-karozza ta' Miraide Zammit li kienet wieqfa fin-nofs tat-triq bil-bieba miftuħa, u l-karozzi pparkjati mal-genb tat-triq, huwa rriversja, laqat vettura pparkjata u mbagħad saq 'il quddiem. Il-Qorti fehmet li meta qala' 'l quddiem l-imputat kien għadu qed isuq bl-għaġġla u hawnhekk jidher li waqt din il-manuvra sab quddiemu lil Bradley Schembri u lil Miraide Zammit li kienu fit-triq.

Għalkemm huwa ppruvat illi l-imputat saq f'salt fid-direzzjoni ta' Bradley Schembri u jew lil Miraine Zammit, il-Qorti m'hijiex konvinta li dan l-att materjali, fl-assjem taċ-ċirkostanzi li fih ġie mwettaq, huwa fih innifsu u oġġettivament, prova biżżejjed li l-imputat kellu l-intenzjoni soġġettiva li jtajjar lill-allegati vittmi u jikkaġuna xi offiżi, u wisq inqas tqis li huwa ppruvat sal-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali li l-imputat ma wettaqx id-delitt minħabba kawża indipendenti u aċċidentali mill-volonta' tiegħu. Dan qed jingħad għaliex mix-xhieda ta' Terry Zerafa u Jean Claude Zerafa, żewġ xhieda okulari li ma kienux involuti bl-ebda mod fit-taqbida, il-Qorti fehmet illi l-imputat saq 'il quddiem, għad illi fid-direzzjoni tal-koppja, mhux b'mod deliberat bl-intenzjoni diretta u speċifika li **jikkaġuna offiza volontarja** fuq l-allegati vittmi, iżda għaliex ma setax idur u kien qed jimmanuvra l-vettura b'mod li seta' joħroġ minn bejn il-karozzi u jibqa' jsuq 'l barra, għad illi b'ħafna ġenn u kommossjoni.

Iktar minn hekk il-fatt illi huwa ppruvat mix-xhieda li l-imputat ma baqax isuq fl-istess direzzjoni iżda għafas il-brake u waqaf, u reġa' saq b'lura: affermazzjoni li huwa kien saq fid-direzzjoni ta' Bradley Schebri u Miraine Zammit għaliex kien qed jipprova jimmanuvra biex joħroġ mit-triq u mhux għaliex ried jikkaġunahom

[13] Ara fir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali [Inferjuri] fl-ismiijiet **Il-Pulizija vs Mariano sive Mario Camilleri**, deciza fit-8 ta' Frar 2002.

volontarjament xi offiżi. Barra minn hekk, ma nġiebet ebda prova konklussiva dwar l-intenzjoni soġġettiva tal-imputat f'dak l-istadju tal-episodju meta kien ġie biex jipprova jitlaq minn fuq il-post. Kif taraha l-Qorti, kieku l-imputat kien aġixxa bil-ħsieb li jikkaġuna l-ħsara, kien jibqa' għaddej fl-istess direzzjoni minkejja li l-allegat vittmi rnexxielhom jiżgiċċaw u ma kienx jieqaf u wisq inqas kien jerġa' jirriversja. Il-fatt li minnufuh wara li għafas il-brake minn rajh, l-imputat reġa' irriversja jikkonvinċi lill-Qorti li hija raġjonevoli l-konklużjoni li probabbilment huwa saq 'il quddiem għaliex kien qed jipprova jirranġa l-vettura biex ikun jista' jgħaddi bejn il-karozzi pparjkati u l-karozza ta' Miraine Zammit li kienet ipparkjata fin-nofs tat-triq, u mhux biex jikkaġunalhom xi ħsara. Għalkemm dawn il-manuvri ma kienux meħtieġa jew ġustifikati fiċ-ċirkostanzi u huwa wkoll riskontrabbli fihom ukoll ċertu grad ta' *recklessness*, l-Qorti ma tirravviżax f'din il-manuvra, la atti preparatorji biex jiġi kommess delitt u wisq inqas xi azzjoni li tikkostitwixxi l-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt, għaliex il-prova tal-element formali tal-ħsara volontarja fl-azzjonijiet hija mankanti.

Minn dan kollu jikkonsegwi li ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement illi l-att estern konsistenti fis-sewqan fid-direzzjoni tal-allegat vittmi, twettaq biex jingħata bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' offiża volontarja, wisq inqas offiża ta' natura gravi u għalhekk, ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli fit-tieni imputazzjoni li saq il-vettura Mitsubishi L200 bin-numru ta' reġistrazzjoni FDA-298, b'manjiera perikoluża u bla kont. Jirriżulta mix-xhieda ta' Raisa Galea, is-sid liċenzjat tal-vettura, li din kienet tintuża minn missierha, l-imputat, u mill-provi huwa stabbilit u mhux kontestat, li l-imputat kien qed juża din l-istess vettura meta seħħ l-inċident ġewwa Triq il-Mastrudaxxi, Santa Venera fit-12 ta' Mejju 2023.

Ġie ritenut in materja illi:-

"*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*"[14]

X'jikkostitwixxi imbagħad, perikolu fis-sewqan jew sewqan bla kont, huwa wkoll ben stabbilit fis-sistema ġuridika tagħna. Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997[15], intqal hekk:-

"*Sewqan bla kont hu deskritt ... bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.* [...] »

Ix-xhieda okulari kollha jaqblu li l-imputat kien qed isuq b'mod imqanqal u bl-addoċċ u b'ġenn, u wettaq manuvri inkonsulti meta kien qed jipprova jirranġa l-vettura biex ikun jista' jgħaddi bejn il-karozza ta' Miraide Zammit u l-vetturi parkeġġjati biex jitlaq minn fuq il-post. B'mod speċifiku, huwa stabbilit mill-provi li l-imputat, waqt li kien qed jirriversja bis-saħħa, baqa' dieħel fil-vettura ta' Doris Grech li kienet ipparkjata mal-genb tat-triq u mbagħad, mingħajr ma waqaf biex jara l-ħsara li kien wettaq, saq 'il quddiem f'salt b'mod li sakemm għafas il-brake, kważi laqat lil

[14] Il-Pulizija vs. Michael Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 2007.
[15] 13 Vol. LXXXI.iv.157.

Bradley Schembri u lil Miraide Zammit li kienu fit-triq. Tant l-imputat ma kienx qed jagħti każ tal-mod kif kien qed isuq, li baqa' sejjer minn fuq il-post u fix-xhieda tiegħu sostna (kuntrarjament għal dak li kien stqarr waqt l-interrogazzjoni) li lanqas kien jaf li laqat xi karozza waqt li kien qed jirriversja – allegazzjoni li l-Qorti diġa' qieset bħala inattendibbli. F'sewqan bħal dak, il-Qorti tirravviża l-estremi ta' sewqan bla kont u bi traskuraġni kbira għaliex indubbjament, skont kif ġie kkunsidrat ukoll għall-fini tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat kien kompletament indifferenti għall-konsegwenzi tas-sewqan tiegħu fuq il-vetturi pparkjati fit-triq kif ukoll il-persuni li kien hemm fit-triq dak il-ħin.

Għalhekk sejjer jinstab ħati ta' sewqan bla kont u bi traskuraġni kbira taħt l-artikolu 15(1) tal-Kap. 65.

Ikkunsidrat ;

L-imputat huwa mixli li kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq Bradley Schembri. Il-ġrieħi li ġarrab Bradley Schembri waqt it-taqbida mal-imputat ġew ċertifikati ftit tal-ħin biss wara l-inċident minn Dr. Jean Luc Paris li fix-xhieda tiegħu ikkonferma illi l-pazzjent kellu barxa żgħira ta' ċentimetru u nofs tul fil-wiċċ fuq in-naħa tax-xellug tal-imnieħer, żona żgħira ta' ħmura madwar nofs ċentimetru fit-tul ukoll fil-wiċċ fuq in-naħa tal-lemin tal-imnieħer u żona żgħira ta' ħmura u tenerezza fil-parti oċċipitali tal-qurriegħa ta' madwar ftit millimetri[16].

Huwa eskluż illi l-imputat aggredixxa lil Bradley Schembri għaliex kien provokat, għaliex fir-rigward ġie stabbilit diġa' li l-imputat ħareġ mill-vettura tiegħu u mar jgħajjat ma' Miraide Zammit għaliex ried joħroġ mit-triq b'lura, kontra d-direzzjoni tat-traffiku, u hekk kif Bradley Schembri ħareġ jistaqsi għaliex qed jgħajjat mal-għarusa tiegħu, mar għalih u bdew jiġġieldu. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk l-inċident kollu ġie provokat minn ħadd ħlief l-imputat innifsu li evidentement ma kienx qed iġib ruħu b'mod normali iżda kien eċitat u nervuż u bla sabar u belliġerenti, tant illi

[16] Ara xhieda Dr. Jean Luc Paris u Dok. JP1.

mar iġib mus mill-vettura tiegħu biex bih iħebb għal Bradley Schembri u kisser karozza pparkjata meta saq minn fuq il-post b'mod sfrenat. Fil-kumpless ta' dan kollu l-Qorti hija pjenament konvinta li l-imputat aġixxa volontarjament u deliberatament meta ħebb għal Bradley Schembri u kkaġunalu l-offiżi fuq imsemmija.

Fir-rigward tal-offiżi li ġarrab l-istess Bradley Schembri, il-Qorti tqis li għandhom jitqiesu bħala offiżi ħfief ta' importanza żgħira skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 221 tal-Kap. 9. Dan qed jingħad għaliex għalkemm huwa minnu li mill-provi jirriżulta li l-vittma kellu barxa żgħira u ħmura fuq wiċċu, meta xehed, Bradley Schembri ma lmentax li sofra minn xi komplikazzjonijiet b'riżultat tal-imsemmija feriti jew li dawn kellhom effetti li baqgħu jinħassu jew jidhru. Għaldaqstant, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-effett tal-feriti li ġarrab il-vittma ma kienux merament ta' importanza żgħira ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment. Dan id-dubju għandu jibbenefika minnu l-imputat u għalhekk il-Qorti tqis li għandu jinsab ħati li kkaġuna offiżi fuq il-persuna ta' Bradley Schembri a tenur tas-subartikolu (3) mhux is-subartikolu (1) tal-artikolu 221 tal-Kap. 9. Billi ma jirriżultax li dawn l-offiżi saru b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217 tal-Kap. 9[17] u lanqas saru fuq wieħed mill-persuni msemmija fl-artikolu 221(a)(b) tal-Kap. 9, il-piena erogabbli hija l-piena tal-kontravvenzjonijiet.

In kwantu għar-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9, addebitat fir-raba' imputazzjoni, kif diġa' ġie stabbilit, huwa ppruvat sodisfaċjentement mix-xhieda ta' Bradley Schembri, Miraine Zammit u Tchah Tekpe Hayirat illi l-imputat ġab mus mill-vettura tiegħu u pprova jħebb għal Bradley Schembri bil-mus f'idejh iżda ġie mimżum u mwaqqaf mill-imsemmi Tchah Tekpe Hayirat. Konsegwentement, billi huwa ppruvat li l-imputat qabad armi bil-għan li bihom iħebb kontra Bradley Schembri iżda ma kienx darbu jew sawtu, għandu jinsab ħati wkoll tar-raba' imputazzjoni[18].

---

[17] Ma jirriżultax li kien hemm iktar kuntatt fiżiku bejn l-imputat u l-vittma wara li l-imputat mar ġab il-mus mill-vettura tiegħu.
[18] L-imputat ma ġiex akkuzat bir-reati taħt l-artikolu 6 u l-artikolu 55 tal-Att dwar l-Armi.

Ikkunsidrat ;

Fil-ħames imputazzjoni, l-imputat ġie mixli bir-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' li bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Miraine Zammit, Bradley Schembri u jew persuni oħrajn biża' li ser tintuża vjolenza kontra tagħhom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew ta' xi ħadd mill-persuni msemmija fl-imsemmi artikolu tal-liġi.  L-Avukat Ġenerali wkoll indika l-artikolu 251B tal-Kap. 9 fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

Huwa assodat fil-ġurisprudenza in materja illi wieħed mill-elementi materjali kostituttivi tar-reat taħt *inter alia* l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, huwa kondotta da parti tal-aġent tar-reat li tammonta għal *a course of conduct.*  Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "*imgieba*" f'din id-dispożizzjoni legali kif ukoll mill-kliem: "… *lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet*".

**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.) fir-rigward tar-rekwiżit ta' *a course of conduct* – element materjali wkoll tar-reat ta' fastidju (*harassement*) li jinsab regolat taħt l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, jikkummenta hekk:-

"***Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment****, and 'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ). The fewer and further apart the incidents, the less likely it is that they will be so regarded, but circumstances can be conceived 'where*

*incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct' (Lau v DPP [2000] Crim LR 580).*"[19]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada**[20] ġie ritenut:-

"*Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat.*

*… … …*

*Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-*

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn **agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien**." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** qalet hekk in propositu:-

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. **Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta'***

[19] Blackstone's Criminal Practice 2012 Ed. - B2.140 p.285. Enfasi tal-Qorti.
[20] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciz 2.05.2013.

***minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1)**."*[21] [enfasi ta' din il-Qorti]

Fil-fehma tal-Qorti, seħħ biss inċident wieħed fit-12 ta' Mejju 2023 li ma damx iktar minn ftit minuti. Dan l-inċident żvolġa bis-segwenti mod: l-għajjat tal-imputat fil-konfront ta' Miraide Zammit; it-taqbida bejn l-imputat u Bradley Schembri fejn ġew fl-idejn; it-tentattiv tal-imputat li jħebb għall-istess Bradely Schembri b'mus; u s-sewqan mgħaġġel u bla kont tal-imputat meta ġie biex jitlaq minn fuq il-lok tal-inċident. Huwa minnu illi l-provi juru li Miraide Zammit beżgħet meta l-imputat ġie biex iħebb għall-għarus tagħha b'mus f'idejh u beżgħet ukoll meta l-istess imputat saq fid-direzzjoni tagħhom u għal ftit ma laqathomx.

Iżda l-Qorti ma tirravviżax f'dawn iż-żewġ istanzi li seħħew f'temp ta' ftit minuti, aġir abitwali fuq perijodu ta' żmien li jnissel il-*course of conduct* li trid il-liġi bħala wieħed mill-elementi materjali tar-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9. Dan qed jingħad għaliex kif ingħad qabel, dan kollu seħħ waqt u jifforma parti mill-istess inċident u għaldaqstant, ma jistax jingħad illi l-imputat, f'iktar minn okkażjoni waħda, ġab ruħu b'mod li kkaġuna biża' f'Miraide Zammit u jew l-għarus tagħha li ser tintuża vjolenza[22]. Ġab ruħu b'dan il-mod darba biss, fl-inċident li seħħ fit-12 ta' Mejju 2023 liema inċident ma jistax jiġi spezzettat f'imġieba li seħħet f'okkażjonijiet differenti, għaliex kull aspett tal-imġieba tal-imputat matul l-inċident jifforma parti mill-istess aġir aggressiv manifestat kontinwament mill-imputat mill-bidu sal-aħħar matul il-ftit minuti li ġie f'kuntatt ma' Bradley Schembri u Miraide Zammit ġewwa Triq il-Mastrudaxxi, Santa Venera.

Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ta' inċident ieħor oltre għall-episodju li seħħ ġewwa Triq il-Mastrudaxxi, Santa Venera fit-12 ta' Mejju 2023 fejn l-imputat ġab ruħu b'aġir li kkaġuna lil Miraide Zmmit u lil Brdley Schembri biża' li tintuża vjolenza kontrihom u ma jirriżultax illi l-imputat reġa' mar lura fuq il-lok tal-inċident

---

[21] Deciza 24.4.2009.

[22] L-imputat ma ġiex akkużat bir-reat kontravvenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u paċi pubblika.

iktar tard u reġa' ġab ruħu bl-istess mod aggressiv. Għall-kuntrarju, kollox jindika li dan kien inċident wieħed iżolat bejn persuni li ma kienux jafu lil xulxin u qatt ma reġgħu inżertaw lil xulxin. Dan ifisser huwa nieqes l-element ta' kondotta ripetuta da parti tal-imputat u għalhekk mhux meħtieġ jiġi mistħarreġ ukoll jekk il-komportament tal-imputat waqt l-inċident in diżamina kienx tassew nissel biża' ta' vjolenza f'waħda jew iktar mill-allegati vittmi.

Għandu jingħad illi l-imputat ma ġiex mixli bir-reat ta' vjolenza kontra l-privat taħt l-artikolu 251(3) tal-Kap. 9, li jqis bħala ħati ta' reat kull min jikkawża lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza *inter alia* kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu fejn għall-fini ta' ħtija huwa biżżejjed il-prova ta' inċident wieħed biss fejn il-kondotta tal-aġent inissel fil-vittma biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra xi waħda mill-persuni msemmija fl-artikolu 251(3). Fil-fatt l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika biss ir-reat taħt l-Artiklu 251B tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Geoffrey Galea ġie akkużat ukoll bir-reat ta' ħsara involontarja għad-dannu ta' Dolores / Doris Grech.

Mill-provi jirriżulta illi l-vettura li kienet qed tintuża mill-imputat waqt l-inċident kienet tal-għamla Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni FDA 289 liċenzjata f'isem Raissa Galea, bint l-imputat. Kif diġa' ġie stabbilit, l-imputat meta kien qed isuq dik il-vettura, ħabat fil-vettura tal-għamla Hyundai I20 bin-numru ta' reġistrazzjoni KBW 938, u dan meta kien qed jirriversja b'mod sfrenat biex jitlaq fuq il-post. Minkejja li laqat vettura oħra, l-imputat ma waqafx u baqa' jsuq 'il barra mit-triq[23]. Mill-provi jirriżulta li din il-vettura hija liċenzjata f'isem Doris Grech[24] u fiż-żmien tal-inċident kienet assigurata taħt polza tat-tip comprehensive ma' GasanMamo Insurance Limited.

---

[23] Madankollu, ma ġiex mixli bir-reat relattiv taħt il-Kap. 65.

[24] Ara xhieda ta' Stephen Cachia, 7 ta' Novembru 2023 u Dok. SC2.

Għalkemm Doris Grech xehdet li kienet ħallset €50 in linea ta' *excess payment* lil GasanMamo Insurance Limited biex jinfetaħ *claim* dwar il-ħsarat subiti fil-vettura tagħha, ir-rappreżentant tal-kumpannija li xehed quddiem il-Qorti ikkonferma li ma kienux talbu l-ħlas tal-*excess paymen*i mingħand l-assigurat peress li l-vettura tagħha kienet ipparkjata meta ġarrbet il-ħsara, u kkonferma wkoll li l-kumpannija ħallset b'kollox is-somma ta' €1,366.23 għat-tiswija tal-ħsarat li sofriet il-vettura b'riżultat tal-inċident li seħħ fit-12 ta' Mejju 2023[25].

L-Avukat Ġenerali akkuża lill-imputat bir-reat involontarju taħt l-artikolu 328(ċ) tal-Kap. 9. li jiddisponi illi huwa ħati ta' reat involontarju kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-Sub-titolu, u minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kap. 9.

Il-Qorti tinsab pjuttost perplessa kif l-Avukat Ġenerali akkuża lill-imputat taħt il-paragrafu (ċ) minflok fil-paragrafu (d) tal-artikolu 328 tal-Kap. 9, għaliex fil-provi proċesswali ma hemm xejn x'juri li l-imputat meta ħabat fil-vettura ta' Doris Grech jew meta kien qed jimmanuvra l-vettura bis-saħħa u b'ġenn biex joħroġ 'il barra mit-triq, ikkaġuna xi offiża lil xi persuna. Madankollu, billi huwa evidenti li r-reat maħsub fil-paragrafu (d) tal-artikolu 328 tal-Kap. 9 ("*f'kull każ ieħor*") huwa r-reat minuri li huwa kompriż fir-reat iktar gravi taħt il-paragrafu preċedenti (ċ), mill-aspett tal-piena, il-Qorti tista' u sejra ssib ħtija taħt l-artikolu 328(d) tal-Kap. 9 minkejja li ma ġiex indikat espressment fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju. Għalhekk il-piena għar-reat ta' ħsara involontarja kommess mill-imputat għad-dannu ta' Doris Grech hija l-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet[26].

Ikkunsidrat;

---

[25] Xhieda ta' Luke Zerafa, 15 ta' Jannar 2024. €1,281.23 (Dok. LZ2) + €85 (Dok. LZ3).
[26] Ma ġiex mitlub prova tal-kwerela.

In kwantu l-akkuża tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, ir-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9, jirriżulta li fl-atti ġie esebit bil-ġurament tal-Assistent Reġistatur tal-Qorti, kopja ta' digriet mogħti fis-16 ta' Marzu 2016 fil-kompilazzjoni dwar akkużi relatati ma' pussess aggravat tal-pjanta cannabis u r-raża meħuda mill-pjanta cannabis[27], fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Frank A. Tabone) v. Geoffrey Galea**, li permezz tiegħu l-imputat Geoffrey Galea bin-numru tal-karta tal-identita' 383170M - l-istess numru tal-karta tal-identita' tal-imputat odjern - ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet inkluż "*li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest*"[28]. L-Assistent Reġistratur tal-Qorti kkonfermat ukoll li sa dakinhar, il-proċeduri li fihom ingħata l-imsemmi digriet kienu għadhom pendenti u l-kundizzjonijiet tad-digriet tas-16 ta' Marzu 2016 ma kienux ġew varjati. Frank A. Tabone, l-Ispettur li kien qed imexxi l-prosekuzzjoni fil-kompilazzjoni msemmija, identifika lill-imputat odjern bħala Geoffrey Galea li kien ressaq taħt arrest b'akkużi relatati mal-pussess aggravat tad-droga ħaxixa.

Kollox magħdud il-Qorti tqis li l-Proskeuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfaċjentement li l-imputat ikkommetta r-reati li dwarhom qed jinsab ħati llum, meta kien meħlus mill-arrest bil-kundizzjoni li ma jikkommettix delitt volontarju, liema kundizzjoni li kienet għadha fis-seħħ. Fil-fehma tal-Qorti, il-kundizzjoni li l-persuna meħlusa mill-arrest taħt garanzija ma tikkommettix delitt volontarju waqt li tkun meħlusa mill-arrest hija waħda mill-iktar kundizzjonjiet gravi jekk mhux l-iktar kundizzjoni gravi, apparti l-fatt li hija maħsuba wkoll bħala deterrent minn aġir kriminuż b'mod ġenerali. Iżda fl-istess waqt ma tistax ma tqisx ukoll iż-żmien – iktar minn seba' snin – li għadda bejn l-għoti tal-ħelsien mill-arrest u l-kommissjoni tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija.

Ikkunsidrat;

[27] Ara kopja taċ-ċitazzjoni bl-akkużi miġjuba kontra Geoffrey Galea fis-16 ta' Marzu 2016, Dok. SCT1, paġna 237 tal-atti.
[28] Dok. SCT1. Kundizzjoni bin-numru 4.

Illi għall-fini tal-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi għalkemm il-fedina penali tal-imputat m'hijiex netta, l-aħħar kundanna tirrisali għas-sena 2002 fir-rigward ta' reati li seħħew fl-2001 u fis-snin ta' qabel. Iżda jirriżulta wkoll li l-imputat diġa' insab ħati preċedentement ta' reati konnessi ma' sewqan trskurat fejn fl-istess incident ikkaġuna wkoll offiżi volontarji lil persuna oħra.

Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi r-rejazzjoni tal-imputat għas-sempliċi fatt li ma setax jibqa' jirriversja fit-triq – manuvra li del resto kienet kontra d-direzzjoni tat-traffiku - kienet wahda ferm estrema bħalma kienet ukoll eċċessiva l-aggressjoni li biha huwa laqa' għall-mistoqsija leġittima għaliex kien qed jgħajjat bir-rabja ma' Miraide Zammit. Il-Qorti ma tistax ħlief tistmerr aġir bħal dan fit-triq, fejn għalkemm hija imperattiva d-dixxiplina fis-sewqan, tolleranza u sabar, l-imputat mhux biss injora dawn il-prinċipji bażiċi iżda wkoll sarraf ir-rabja tiegħu f'aggressjoni fiżika u wkoll, għad illi involontarjament, fi ħsara lill-proprjeta' ta' terzi. Huwa evidenti, anke minn dan l-episodju waħdieni, li l-imputat għandu diffikolta' serja biex jikkontrolla b'mod effettiv ir-rabja tiegħu tant illi f'dan il-każ, din ir-rabja ddeġenerat f'manifestazzjoni ta' aggressjoni u vjolenza li bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala ġustifikat.

In konklużjoni,, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi jirriżulta illi l-istess att, konsistenti fis-sewqan bi traskuraġni kbira, ta lok għall-ksur ta' iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi, ċioe' ksur tal-artikolu 15(1) tal-Kap. 65 kif ukoll il-ksur tal-artikolu 328(d) tal-Kap. 9 u l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest taħt l-artikolu 579(2) tal-istess Kodiċi Kriminali, liema ksur tal-kundizzjoni tal-ħelsien mill-arrest huwa identifikat ukoll fid-delitt taħt l-artikolu 221(3) tal-Kap. 9. Għalhekk, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni għandha tingħata, għar-reati fuq imsemmija, biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li indubbjament huwa r-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reati taħt l-artikoli 41(1)(a) u 216, u l-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, addebitati fl-ewwel u fil-ħames imputazzjonjiet rispettivament, wara li rat l-artikoli 17(d)(f), 214, 215, 221(3)(b),**

**328(d), 339(1)(b) u 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil GEOFFREY GALEA ħati tat-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u tikkundannah multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200).**

**Għall-fini tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-konfiska tas-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) mill-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet tas-16 ta' Marzu 2016 mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-proċeduri fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. Geoffrey Galea</u> (Dok. SCT1), iżda tiċħad it-talba għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u għall-arrest mill-ġdid tal-ħati.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, qiegħda tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien tliet (3) xhur.**

**Għall-fini tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas lil GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' elf tliet mija u sitta u sittin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€1,366.23) in linea ta' kumpens għad-danni subiti b'riżultat tal-kommissjoni tar-reati li dwarhom qed tinsab ħtija.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' disa' mija u erbgħa u erbgħin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€944.65) rappreżentanti l-ispejjeż li ġew imħallsin lill-esperti jew periti maħturin fil-proċeduri[29].**

**Għall-fini tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, tobbliga lill-ħati b'garanzija tiegħu nnifsu sabiex ma jimmolestax lil Bradley Schembri taħt penali ta' elf Euro (€1,000) għal żmien tnax (12)-il xahar.**

---

[29] Dr. Stephen Farrugia Sacco, Dok. SFS1 - €944.65.

**Tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien sentejn biex jingħata t-trattament psikoloġiku meħtieġ biex jindirizza l-problema tal-kontroll tar-rabja u aggressivita'.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat b'notifika lir-Reġistratur tal-Qorti biex jieħu konjizzjoni tal-ordnijiet taħt l-artikolu 579(2) u l-artikolu 533 tal-Kap. 9 u lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Probation u Parole sabiex jimplimenta l-Ordni ta' Trattament.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**